# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Artikolu 9(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## Magistrat
## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**V**

## CARMELO CELESTE

**Seduta ta' llum, 2 ta' Lulju, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CARMELO CELESTE** ta' wiehed u hamsin sena bin Paul u Catherine nee Zerafa, imwieled il-Belt Valletta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Settembru, 1949 u joqghod 'Sundue Court', Block C, Flat 1, Triq Naxxar, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita numru 799949M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-jiem ta' qabel d-dsatax ta' Dicembru, 2000 f'Malta, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruq u cioe oggetti tal-fidda liema

oggetti li huma stmati li jiswew aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin u li gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew jmexxihom.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens moghti mill-Avukat Generali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu, 2001, esibit f'dawn l-atti a fol tlettax markat bhala dokument CSH 2.

Semghet lil imputat jirregistra ammissjoni fis-seduta ta' llum tnejn ta' Lulju, 2002 u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif addebiti lilu.

Rat li l-imputat kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni w in oltre li r-res furtiva giet ritornata lil sidha.

Rat li l-fedina penali tal-imputat mhix daqstant reflattarja u ghandha biss kontravenzjonijiet li jmorru lura ghas-snin 1966 sas-sena 1973.

Qisiet ic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkonsidra ghalhekk li fic-cirkostanzi l-piena idoneja hija piena ta' multa u ta' probation.

**Ghaldaqstant tiddecidi billi tikkundanna lil imputat CARMELO CELESTE ghal hlas ta'multa ta' mitejn lira maltin liema multa ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' ghoxrin lira maltin u dan ai termini tal-artikolu 9(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**In oltre qed tillibera lil imputat CARMELO CELESTE bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car s-sinifikat ta' din is-sentenza lil imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

Illum, tnejn (2) ta' Lulju, 2002